

Brussell, 20 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10147/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0199(NLE)

TRANS 375
RELEX 787

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10128/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna – Adozzjoni

1. L-abbozz ta' Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tan-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-2 ta' Ġunju 2022 lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bil-għan li tikkonkludi ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-abbozz ta' Ftehim imsemmi hawn fuq (dok. 10128/22). Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, emendat (dok. 10162/22) fl-istess Grupp ta' Ħidma, fis-17 ta' Ġunju.
3. It-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja u t-test tal-abbozz ta' Ftehim ġew riveduti mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 10407/22 u t-test tal-abbozz ta' Ftehim kif jinsab fid-dokument 10151/22, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta dik id-Deċiżjoni sabiex jippermetti l-iffirmar tal-Ftehim.
 5. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mġarraf bl-adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-